# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 213/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Noel Cutajar**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Noel Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 330482M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer matul is-sena 2008:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-

1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu licenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet  mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 t'April, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena karcerarja li qegħda tiġi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-għan, ir-Reġistratur għandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karċerarji.  B'dan illi kemm-il darba l-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi priġunerija skond il-liġi;

Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat r-rilaxx tal-mobile esebit bħala Dokument JF 3 favur il-ħati. Ordnat wkoll id-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti bħala Dokument JF 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Noel Cutajar, l-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 t' April, 2016, li biha talab lil din il-Qorti joġgħobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u dan ghal-diversi ragunijiet li ser ikunu konsiderati *seriatim* li, izda, kollha jistghu jkunu meqjusa bhala lment dwar apprezzament zbaljat tal-provi;

2. Brevement rakkontati l-fatti ta' dan il-kaz, l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghall-

imputazzjoni odjerna wara li persuna ohra kienet zvelat ismu mal-Pulizija bhala l-persuna li kienet fornietu bi gramma kokaina ghal-prezz ta' €70. Habat illi l-Pulizija kienet infurmata b'overdoza ta' persuna u fil mori tal-indagini dan il-persuna stqarr illi dak l-overdose kien dovut ghall-konsum ta' erba' pilloli ecstasy b'ebda relazzjoni jew rabta mal-imputat, izda sitt xhur qabel kien xtara gramma kokaina minghand l-imputat. U ghalhekk il-Pulizija ressqet lill-imputat bl-imputazzjoni odjerna;

3. **L-ewwel** argument tal-appellant, li fil-verita' huma tlieta f'wiehed, hu li ma ngiebet ebda prova li d-droga kienet kokaina, li kien hemm forniment taghha u qatt ma kienet elevata xi droga kokaina. Huwa bizzejjed li persuna taccetta li tforni d-droga sabiex tkun leziva tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u ma taghmel ebda differenza jekk id-droga tkun differenti minn dik miftiehma. Il-prova ossia il-valur probatorju tal-fatti mressqa dwar il-forniment tad-droga hija rimessa lill-Qorti li tiddeciedi hi jekk mill-assjem jkunx hemm dik il-prova li twassal ghall-konvinciment morali jew le. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti strahet fuq id-deposizzjoni tal-persuna li ndikat lill-imputat appellant bhala l-fornitur taghha. Issa, jekk dik il-konkluzzjoni hix wahda ragjonevoli jew le tkun diskussa aktar 'l quddiem;

4. Kwantu ghan-nuqqas li tkun elevata d-droga kokaina, jinghad illi l-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat u ma sabu xejn relatat mad-droga ghajr xi sustanza intiza ghall-*sniffing* li thalli xi effett izda mhix kontrollata. Ma jfissirx b'daqshekk illi l-Prosekuzzjoni ma setghetx tirnexxi fil-process kriminali taghha kontra l-appellant aktar u aktar la darba setghet tressaq provi ohra kif fil-fatt ghamlet. Fi kliem iehor mhux mehtieg li persuna tinqabad *inflagrante delitto* bid-droga fuq il-persuna taghha biex titressaq fuq imputazzjoni bhal dik odjerna;

5. **It-tieni** argument tal-appellant hu li l-ewwel Qorti strahet biss fuq id-deposizzjoni tal-persuna li kixfet lill-imputat liema

persuna ma kienx cert jekk inghatax id-droga kokaina jew droga ohra. Ir-ragunament dwar x'tip ta' droga kienet allegatament inghatat mill-imputat jghodd ukoll hawnhekk. Dak li hu aktar ta' rilevanza, izda, hu li f'kawzi ta' din in-natura ix-xhieda ta' min jikxef lill-fornitur hija bizzejjed biex tinstab htija jekk emnuta mill-Qorti. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet il-Pulizija vs Paul Mercieca tal-25 t'Awissu, 2008, kienet konfermata s-sentenza tal-ewwel Qorti li strahet fuq id-deposizzjoni ta' dak li kixef il-fornitur tieghu. Dan hu hekk ukoll minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 30A tal-Kap 101 :

30A.*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

6. Dan l-artikolu jipprevali f'kawża fejn hemm involut l-forniment jew l-ipprokurar, jew l-offerta tal-forniment jew l-ipprokurar tad-droga. Ma hemm xejn irregolari fil-proces verbal li huwa prova importanti f'dan il-proċess u li wieħed ma jistax jiskarta. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjoni tal-persuna li kixfet lill-imputat u ma rriskontrat xejn li jista' b'xi mod ilissen dubju f'din il-Qorti li hu qal il-verita. Huwa minnu li kien xi ftit riluttanti biex wasal biex jghid ghaliex kien staqsa lill-imputat jekk ibihx droga u dan hu xi ftit jew wisq mistenni minn persuna li qatt

ma tressqet il-Qorti izda finalment kien car fi kliemu u qal li staqsa lilu ghaliex kien sema' minghand terzi li kien jista' jaqdih;

7. **It-tielet u r-raba', il-hames, is-sitt u s-seba'** argumenti huma ripetizzjoni ta' dawk precedenti;

8. L-istess jinghad dwar **it-tmien** argument meta l-appellant jghid: "*Illi huwa fatt ben saput fil-Qrati nostrana li sabiex jinstab htija fl-appellant trid tinstab almenu xi tracci tad-droga u mhux sustanza inezistenzi kif gara fil-kaz in kwistjoni*". L-appellant jibqa' jdur mal-istess ragunament li hu wiehed fierah u ma jirrikjedi ebda konsiderazzjoni oltre li huwa bazat fuq interpretazzjoni hazina sia tal-ligi kif ukoll tal-gurisprudenza in rigward. Dan jghodd ukoll ghad-**disa'** punt sollevat mill-imputat dwar in-nuqqas ta' prova forensika li turi li qatt ma kellu x'jaqsam mad-droga;

9. **Fl-ghaxar** punt tieghu, l-imputat jargumenta illi sabiex tinsab htija il-Qorti kellha tkun konvinta mhux biss mill-pussess izda ukoll mill-intenzjoni li jispacca jew b'xi mod jikkonsenja d-droga. Dan ir-ragunament huwa 'l hinn mill-kuntest tal-kwistjoni hawn skrutinata. Verament dan donnu hu bran minn sentenza li fiha hemm kwistjoni ta' pussess ta' droga fi kwantita' li turi li mhix ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Dak li kienet rinfaccjata bih l-ewwel Qorti kienet dikjarazzjoni ta' persuna li kixfet lil min forniha bid-droga minghajr ma sarilha kontro-ezami jew ingiebet xi prova kuntrarja biex xxaqleb il-keffa tal-mizien almenu fuq livell tal-probabbli;

10. Kwantu **il-hdax**-il argument, frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant iqanqal diskussjoni dwar il-portata u l-effetti tad-dubju f'kawza kriminali u fl-istess waqt jiccita' brani minn sentenza biex juri li "l-grad ta' prova li trid tilhaq il-

Prosekuzzjoni hu dak il-**<u>grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad li ma jhalli ebda ombra ta' dubju</u>**". L-appellant ghalhekk jikkoncedi li ma jistenniex li l-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr ebda ombra ta' dubju allura u li l-prova tista' twassal ghall-sejbien ta' htija jekk il-gudikant ikun konvint minghajr dubju dettat mir-raguni, ossia jkun moralment konvint, li r-reat sehh kif prospettat mill-prosekuzzjoni;

11. Din il-Qorti fliet l-atti minuzzjozament u ma tista' ticcensura ebda parti mis-sentenza appellata li hija wahda motivata, ricerkata, ragjonata u legalment korretta.

12. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.